# Lectio Divina
# It-3 Ħadd tar-Randan
# Sena Ċ

## Lq 13:1-9

Din is-silta timmarka l-bidu tal-kap. 13, li jkompli direttament mal-kapitlu ta' qabel. Ikompli l-vjaġġ mill-Galilija għal Ġerusalemm, u f'din il-parti Ġesù jinsab fl-eqqel tal-ministeru tat-tagħlim. Wara l-kundanna qawwija tal-Fariżej u l-għorrief ta-Liġi (11, 37-54) Ġesù jsir magħruf tant li "*in-nies bdiet tinġabar bl-eluf, kulħadd jgħaffeġ fuq xulxin*" (12, 1). Mat-tagħlim ta' Ġesù, Lq spiss jinnota wkoll ir-reazzjonijiet tal-folla: jibda jidher ċar li din tinqasam f'min jilqa' t-tagħlim ta' Ġesù u min hu kontra tiegħu. Għalkemm huma eluf dawk li jisimgħuh Ġesù jindirizza biss lid-dixxipli (ara 12, 1) u jsejħilhom "*merħla ċkejkna*" (12, 32). Barra minn hekk huma diversi dawk li jistaqsuh, u spiss mhuwiex ċar jekk il-mistoqsija issirx b'mod ġenwin jew inkella biex iġġarrab.

Fil-kap 12, it-tagħlim ta' Ġesù jdur ma' żewġ temi: il-fiduċja f'Alla, imma wkoll l-attenzjoni għas-sinjali taż-żminijiet. Il-qaddejja li għandu jkollhom moħħhom mistrieħ bil-Missier tas-sema, imma fl-istess ħin jishru biex ma jabbużawx minn din it-tjubija. Din it-tensjoni tinġabar kollha fil-kapaċità/inkapaċità tad-dixxiplu li jaqra "*iż-żmien ta' issa*" (12, 56).

**v. 1: Dak il-ħin stess ġew xi wħud għand Ġesù u qalulu b'dawk il-Galilin li Pilatu kien ħallat demmhom mad-demm tal-vittmi tas-sagrifiċċji tagħhom.**

*Lq* jirreferi li hekk kif Ġesù kien għadu kif stieden lil dawk li kienu qed jisimgħuh: "*U għala ma tiġġudikawx intom stess x'inhu s-sewwa?*" (12, 57), jiġu xi wħud u jippreżentawlu fatt jaħraq ta' attwalità. Probabbli li din ma kinitx sempliċi informazzjoni, imma diffikultà mressqa quddiem Ġesù biex jinterpretaha, tant li jħoss li jirrispondi għaliha. Il-fatt kien gravi għal-Lhud: mhux biss il-qtil ta' nies li telgħu f'pellegrinaġġ għat-Tempju, imma wkoll l-azzjoni ta' Pilatu li jivvendika ruħu (probabilment wara xi rewwixta) b'sagrileġġ li joffendi l-mentalità Lhudija. Id-demm (*bannepes*) fih il-ħajja peress li jġorr fih in-nifs ta' Alla. Min-naħa l-oħra hemm il-projbizzjoni assoluta li jittiekel xi demm tal-annimali għax

il-ħajja tal-bniedem għandha dinjità ferm ogħla minn tal-annimal u ma tistax titħallat magħha. (*Lev* 17, 13-14). Għalhekk it-taħlit tad-demm ta' dawn il-Galilej ma' dak tal-annimali kienu l-ogħla forma ta' tkasbir tad-dinjità tagħhom, u ta' offiża lir-reliġjon Ġudajka. Quddiem dan l-iskandlu wieħed jistenna li Ġesù joħroġ b'xi forma ta' kundanna: jew il-kundanna tal-awtorità Rumana, jew inkella il-kundanna ta' dawn il-Galilej li – skont il-mentalità retributtiva Lhudija – sofrew dan kollu frott il-ħażen personali tagħhom.

**v. 2-3: U Ġesù qabad u qalilhom: "Taħsbu intom li dawn il-Galilin kienu iżjed midinbin mill-Galilin l-oħra biex sofrew dan kollu? Le, ngħidilkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu bħalhom.**

Quddiem il-gravità ta' dawn il-fatti Ġesù jantiċipa x'jista jkun l-iktar raġunament komuni: jien ma ġralix bħalhom għax jien aħjar minnhom u għalhekk nista' nserraħ rasi mis-salvazzjoni tiegħi. Dan ir-raġunar, tipikament uman, fih taħlita ta' kompassjoni għal min ġie milqut mit-traġedja, imma wkoll sens ta' awto-ġustifikazzjoni u superjorità. Minflok Ġesù jistieden għall-indiema. Il-*metanoia*, qabel hija konverżjoni intellettwali qabel ma hi morali. Id-dixxipli għandhom jitħarrġu f'mod ġdid kif jaħsbu u jinterpretaw il-fatti. Dak li jiġri – anki jekk ma ġarax direttament lili – għandu jkellimni b'mod personali, u nara Alla xi jrid jgħidli permezz tiegħu. Quddiem il-fatt li "*il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħħdu mill-glorja ta' Alla*" (Rum 3, 23), l-awto-ġustifikazzjoni twassal hija traġika daqs dak li seħħ lill-Galilin.

**v. 4-5: Jew dawk it-tmintax-il ruħ li fuqhom waqa' t-torri ta' Silwam u qatilhom, taħsbu intom li kienu iżjed ħatja min-nies l-oħra ta' Ġerusalemm? Le, ngħidilkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu xorta waħda".**

Din id-darba Ġesù stess jaqbad fatt ieħor ta' attwalità, li jantiċipa raġunament ieħor komuni: quddiem fatti misterjużi – bħad-diżgrazzja tat-torri ta' Silwam – trid tinstab kawża, u din tiġi indentifikata f'azzjoni ta' Alla kontra l-bniedem għall-ħtijiet tiegħu. Iżda fil-moħħ ta' Ġesù l-ikbar diżgrazzja hi n-nuqqas tal-konverżjoni: "*Għax x'jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha mbagħad jitlef ħajtu?* " (*Mk* 8, 36). Is-superfiċjalità ta' kif wieħed iħares lejn ir-realtà u jiġġudikaha twassal biex wieħed iserraħ moħħu bil-ġid/kapaċitajiet/suċċessi apparenti: "*Ruħi għandek ħażna kbira ta' ġid għal bosta snin; mela strieħ, kul, ixrob, u ixxala!*" (*Lq* 12, 19). Bil-kontra ta' dan il-qerq, id-dixxiplu iħalli lilu

nnifsu jiġi mistoqsi mil-limiti tal-ħajja, mit-traġedji li jseħħu, u mill-ħażen li juri ruħu, u jikber fl-għarfien tad-dipendenza tiegħu fuq il-ħniena ta' Alla.

**v. 6: U qalilhom din il-parabbola: "Wieħed kellu siġra tat-tin imħawla fl-għalqa. Mar ifittex il-frott fiha, u ma sabx.**

Is-siġra tat-tin tinsab fl-għalqa tad-dwieli. It-tnejn huma tixbihat li nsibu fil-Profeti li jirreferu min-naħa għall-imħabba ta' Alla lejn il-poplu tiegħu, kif ukoll għall-infedeltà ta' dan l-istess poplu. (ara *Iż* 5,1-7; *Eż* 19,10-14; *Ġer* 2,21; 8,13; *Mik* 7,1; *Hos* 9,16; 10, 1-8) Il-konklużjoni ta' dawn il-parabboli fil-Profeti hija dejjem traġika: minkejja l-investment kbir li sar mill-bidwi fl-għalqa, din tagħti riżultati mill-agħar u għalhekk ikollha tiġi abbandunata. In-nuqqas tal-frott huwa riferiment għad-dnub: xi ħaġa li tilħaqx l-għan tal-eżistenza tagħha (*hamartia* – id-dnub).

**v. 7: Għalhekk qal lil dak li kien jaħdimlu l-għalqa: "Ara, ili tliet snin niġi nfittex il-frott f'din is-siġra tat-tin, u qatt ma sibtilha. Mela aqlagħha! Għax għalfejn se tibqa' tkidd l-art?"**

Jista' jkun li t-tliet snin huma riferiment għall-ħajja pubblika ta' Ġesù. Qabel beda l-ministeru ta' Ġesù, Ġwanni kien wissa li "*il-mannara ġa qiegħda ma' għerq is-siġra, u għalhekk kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxteħet fin-nar*" (*Lq* 3,9). Ġesù nnifsu jerġa jalludi għall-importanza tal-frott (6, 33-34). Għal xi raġuni, *Lq* jagħżel li ma jinkludix ir-rakkont ta' *Mt* u *Mk* dwar it-tina misħuta minn Ġesù għax ma sabx frott fiha, u kif din l-għada kienet diġa niexfa (ara *Mt* 21,18-22; *Mk* 11, 12-14; 20-24). F'*Lq* is-siġra tat-tin selvaġġ hija wżata minn Żakkew biex permezz tagħha jara lil Ġesù.

**v. 8: Iżda dak wieġbu: "Inti ħalliha, sinjur, għal din is-sena, sa ma nagħżqilha madwarha u nagħtiha d-demel**

B'kuntrast mal-Antik Testment, il-parabboli bi sfond agrikolu – speċjalment f'*Mt* – huma turija tal-ħniena ta' Alla u ta' loġika differenti minn dak li hu meqjus bħala sens komun għall-bnedmin (il-parabbola tas-sikrana – *Mt* 13, 24-30; il-ħlas tal-ħaddiema fl-għalqa tad-dwieli – 20, 1-16; il-bdiewa qattiela – 21, 33-46). Filwaqt li Ġwanni l-Battista ħabbar il-miġja ta' Messija bil-midra f'idu, Ġesù jippreferi jqabbel lilu nnifsu ma' bidwi paċenzjuż li bil-ħidma tiegħu jikkonvinċi lis-Sid jistenna u jagħti iktar żmien lis-siġra biex tagħmel il-frott. "*Kristu Ġesù li miet, jew aħjar, li qam mill-imwiet, jinsab fuq il-lemin ta' Alla, hu li*

*jidħol għalina.*" (*Rum* 8,34) Is-sena mitluba minnu mhijiex żmien kronoloġiku imma "*is-sena tal-grazzja tal-Mulej*" li t-tnedija tagħha hija l-iskop tal-missjoni ta' Ġesù (ara *Lq* 4,16ss).

**v. 9: Id-dieħla għandha mnejn tagħmel il-frott; jekk le, aqlagħha".**

Il-ġudizzju ma jiġix imneħħi imma sempliċiment jingħata iktar żmien, bit-tama li l-bniedem jagħmel il-frott mill-grazzja ta' Alla mogħtija lilu. Jekk it-tliet snin ifakkruna fis-snin tal-ministeru ta' Ġesù, is-sena d-dieħla tista' tkun riferiment għal wara l-qawmien, iż-żmien tal-Knisja. Hemm it-tama li l-Knisja tagħmel il-frott mill-azzjoni tal-bidwi, kif ukoll tkompli l-ħidma tiegħu li ssostni s-siġra b'dak kollu li għandhom bżonn. Mhuwiex kompitu tal-bidwi li jaqla s-siġra. Huwa s-Sid li jiddeċiedi dwar dan: "*Kull siġra ma ħawwilhiex Missieri li hu fis-smewwiet tinqala' mill-għeruq*" (*Mt* 15,13). Bħal fil-każ ta' parabboli oħra, il-final jibqa' miftuħ. Ma nafux jekk is-sena ta' wara t-tina tatx frott jew le. Il-libertà tagħha tibqa' fattur importanti.